MINUTI

**Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 70**

**Il-Ħamis 12 t'Ottubru 2023**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs. Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 12 t'Ottubru 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

**70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

70.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Mark Busuttil u l-Kunsillier Juliet Attard infurmaw lill-Kunsilli li huma indisposti biex jattendu għal-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

**70.2 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:**
***MXR/04/2023: Works – Upgrade of Munxar Main Entrance Triq Santa Dminka in an Environmentally Friendly Manner*;**

70.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-28 ta' Settembru 2023. Kien hemm offerta waħda biss għal-*Lot 2*:
Road Structures Ltd - €136,096.10
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lil dan l-offerent li kien konformi mar-rekwiżiti mitluba.

70.2.2 Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

70.2.3 Id-deċiżjoni tal-membri li terġa' tinħareġ s-sejħa għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet elenkati f'*Lot 1* (peress li ma kien hemm l-ebda sottomissjoni f'din is-sejħa għall-offerti) ġiet irratifikata.

**70.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

70.3.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 23 t'Ottubru 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tnejn 23 t'Ottubru 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |